**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Spiridione Zammit]**

**vs**

**Joseph Piscopo**

**Kumpilazzjoni Numru: 894/2015**

**Illum, 30 ta' Mejju, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Piscopo detentur tal-karta tal-identita` numru 333967(M).

Akkuzat talli:

> Fis-7 ta' Awwissu 2015, u zminijiet qabel fir-residenza 59, l-Ghabex, Triq San Gwann, Fgura, u/jew f'dawn il-Gzejjer, gieghel annimali [klieb, ghasafar, fniek, hamiem u/jew annimali ohra] jsofru wgiegh jew dwejjaq minghajr bzonn u/jew abbanduna l-istess annimali;
>
> Ukoll talli fl-istess cirkostanzi, zamm klieb t'erba' xhur jew aktar minghajr licenzja; u
>
> Ukoll talli fl-istess cirkustanzi meta kien fil-pussess tieghu ta' klieb ma rregistrax dawn il-klieb fid-Dipartiment skont dawn ir-regolamenti.

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Semghet il-provi; u

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikolu 8 tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 11(1) tal-Ligijiet Sussidjarji 437.101 u l-Artikolu 5(2) tal-Kap. 437 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni mill-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih fi stadju bikri tal-proceduri, u l-konferma ta' tali ammissjoni mill-istess wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, u stante illi it-tielet (3) akkuza hija assorbita fit-tieni (2) akkuza, qed issib lill-imputat Joseph Piscopo hati tal-akkuzi kollha kif dedotti konrih u tikkundannah multa ta' elfejn Ewro (€2,000).

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**